MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Numru. 81/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Edward Joseph Zammit Maempel, 42 sena, bin 'l Albert Victor u Josephine nee' Borg Oliver, imwieled Sliema, nhar l-14 ta' Gunju, 1968, residenti fil-fond numru Flat 1, Green Hills, Triq is-Salini, Marsalforn u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 349568(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Edward Joseph Zammit Maempel li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Awwissu, 2010 u matul ix-xahar ta qabel, gewwa

Marsalforn (Ghawdex), u fi bnadi ohra f'Ghawdex, f'hinjiet differenti,

a) ***kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis*** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) u (d), tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Novembru 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali kwazi nadifa tieghu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata;

Inoltre l-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument 'JM'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------